Minuti tat-tielet (03/7) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ħamis 25 t'April 2013 fis-6.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut |
| | | Is-Sinjorina Demelsa Grech |
| | | Is-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 02/7 (15 t'April 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' Tender:-
   a. Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana
   b. Tender02/2013 – Xogħol ta' pavimentar

5. Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti:-
   a. Contract Manager Access Roads (Perit) CM20(01-6) – għeluq (tlett snin)
   b. General Maintenance – handyman service etc – GLC/tender03/12 – tiġdid (tieni sena)
   c. Upkeep and maintenance of parks and soft areas – GLC/tender/05/2012 – tiġdid (tieni sena)

6. Proġett ta' Toroq:-
   a. Triq il-Kbira

7. Proġett ta' Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana – UIF

8. Finanzi:-
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' Pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri minn dawk kollha preżenti.

## ***1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti – 02/7 (15 t'April 2013)</u>***

1.1 Dawn il-minuti ġew li ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati nem con.

## *2.0 Kommunikazzjonijiet*

2.1.0 Sindku

2.1.1 Is-Sindku fakkar illi fit-18 t'April 2013 il-Kunsill kellu laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi (Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura) fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn fost l-oħrajn ġew diskussi dawn it-temi:-

I. Servizz ta' Trasport Pubbliku.
   a. Arriva – ħinijiet, rotot, bendy buses, bus shelters u postazzjoni tal-istages
   b. Problema ta' parkeġġ
   c. Traffic Management
   d. Pelican lights f'toroq arterjali fosthom ta' Dawret il-Gudja u Vjal l-Avjazjoni li ilhom imwegħda iżda li għadhom ma sarux.

II. Infrastruttura.
   a. Toroq li diġa ġew mwegħda
   b. Il-problema preżenti dwar il-kontinwazzjoni ta' xogħol ġewwa Vjal it-Torri (ring road)

Is-Sindku qal illi l-Ministru wera li ta' widien għal dak li ġie diskuss speċjalment dwar xogħol li jiġu irranġati diversi ħofor fit-toroq u xogħol ieħor ta' tindif liema xogħol jista issir malajr.

Il-Ministru informa illi sejjer jitwaqqaf co-ordinating unit magħmul minn nies responsabbli u l-Kunsill sejjer ukoll jiġi msejjaħ sabiex ikun jista jibbenifika mis-servizz ta' dan il-co-ordinating unit. Is-Sindku qal ukoll illi l-Ministeru sejjer ukoll ikollu taqsima dedikata sabiex twieġeb għas-sejħiet tal-Kunsill kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Ministru infomra illi mhux ser jitħallew nies tal-Gvern li jaħdmu mal-Kunsill iżda l-Ministeru sejjer ukoll ikollu taqsima dedikata sabiex twieġeb għas-sejħiet tal-Kunsill kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

Is-Sindku stqarr illi l-Kunsill għandu jipprepara pjan ta' ħidma dwar proġetti u b'hekk jinforma l-Ministeru sabiex ikun qed ukoll jesplora l-possibilita li jikseb għajnuna ukoll teknika mill-istess co-ordinating unit kif ikun possibli.

Is-Sindku fakkar illi dwar il-parkeġġ għar-residenti l-Ministru ħeġġeġ ukoll sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem fil-qrib ma' Trasport Malta u filwaqt li jkun qed iħares l-interess tar-residenti jkun ukoll qed jaġixxi skond il-liġi.

2.1.2 Triq il-Kbira – biċċa mit-triq issir 'one way' (bidu minn ħdejn is-Salib fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq G. Cassar sal-Wesgħet Anglu Dalli kantuniera ma' Triq il-Fidwa). Is-Sindku fakkar illi waqt il-laqgħa għal pubbliku li saret fit-28 ta' Frar 2013 kien hemm talba u l-Kunsill kien approva illi din il-parti tat-Triq kif hawn fuq indikat issir 'one way.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tat-TM permezz ta' l-ittra datata 19 t'April 2013.

Saret diskussjoni u sar qbil li din il-'one way' dħul mill-pjazza tal-Knsija hija meħtieġa speċjalment waqt ix-xogħlijiet fi Triq il-Kbira kif diskuss fil-laqgħat preċedenti.

Il-Kunsill qabel ukoll illi din il-miżura ta' 'one-way' tidħol fis-seħħ il-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti li jistgħu ikunu affetwati minn din il-miżura.

Il-Kunsill iddentifika illi r-residenti ta' dawn it-toroq segwenti jistgħu jiġu affetwati u għalhekk għandhom jiġi infurmati dwar dan permezz ta' ittra mill-Kunsill.

It-toroq huma dawn:-

1. il-parti ta' Triq il-Kbira
2. Wesgħet Anġlu Dalli
3. Triq Ħal Safi
4. Triq Birżebbuġa
5. Triq il-Pluvieri
6. Vjal it-Torri (sal-bring in site)

2.1.3 Ħarġa għal kulħadd. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jorganizza ħarġa għal kulħadd kemm sabiex tiġi ċelebrata Jum l-Omm kif ukoll sabiex din il-ħarġa tkun attivita soċjali, edukattiva u ta' mistrieħ għal Gudjani kollha.

Is-Sindku qal li d-data u l-post u programm jiġu informati aktar il-quddiem.

Il-Kunsill qabel li peress din il-ħarġa għal kulħadd hija skond l-ispirtu u l-ħidma tal-Kunsill b'risq ir-residenti tal-Gudja, il-Kunsill għandu jagħmel tajjeb bi €3.00 għal kull parteċipant li jieħu sehem f'din l-attivita' tal-Kunsill.

2.1.4 Ħarġa u mawra għal Sqallija u l-attivitajiet sabiex jiġi mfakkar Jum il-Gudja 2013. Is-Sindku qal li jkun floku u xiereaq li l-Kunsill jorganizza mawra għal Sqallija għar-residenti tal-Gudja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li din ssir fis-06 ta' Lulju 2013 li għandha tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Gudja li jwasslu l-qofol tagħhom nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2013 Jum il-Gudja.

Is-sehem tal-Kunsill f'din il-mawra li hija parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2013 huwa li jikseb l-aħjar prezz, jinforma dwar dan lir-residenti kollha tal-Gudja u li tingħata l-pubbliċita meħtieġa u li l-Kunsill iħallas għat-trasport mill-Gudja għax-xatt fejn isorġi l-Catamaran u lura lejn il-Gudja.

Is-Sindku ħeġġeġ sabiex il-Kunsillieri kollha jipparteċipaw u jitellgħu attivitajiet sabiex Jum il-Gudja 2013 jkun jista' jitgawda mir-residenti kollha tal-Gudja.

2.1.5 Toqob għall-arbli tal-festa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba mill-Parroċċa sabiex isiru żewġ toqob fi Vjal it-Torri u żewġ toqob fil-viċinanza ta' ħdjen il-Qalb ta' Ġesu' fil-kontrada ta' Triq Bir Miftuħ.

Il-Kunsill qabel li dawn il-toqob għall arbli jsiru skond il-policy u proċedura u prattika stabbilita u għalhekk għandu jiġu infurmati is-Sur Guzi Seguna sabiex jagħmel il-marki meħtieġ u l-Kunsill jaġixxi kif ikun meħtieġ.

2.1.6 Laqgħa ma' uffiċjali ta' Transport Malta (TM) fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-25 t'April 2013. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-uffiċjali ta' TM is-Sur Josie Brincat Konsulent u l-Perita Suzanne Bonello fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn fost affarijiet oħra ġiet diskussa l-implimentazzjoni tar-residential parking.

Jidher li dawn l-uffiċċjali għandhom ir-riservi tagħhom dwar il-kulur blu użat sabiex juru fejn tiġi osservata din il-limitazzjoni tar-residential parking. Peress li t-TM kienet diġa ġiet infurmata dwar dan u peress illi anke l-kuntrattur li qabbad il-Kunsill liema kuntrattur għandu esperjenza f'dan ix-xogħol u qabel li l-kulur blu għandu jintuża sabiex issir id-differenza dwar il-parkeġġ f'ħin limitat u peress li TM naqset li turi fejn il-Kunsill ma aġġexxiex skond il-permess mogħti mill-istess TM, il-Kunsill huwa tal-fehma illi dan il-kulur blu għandu jinżamm.

Il-Kunsill qabel li japplika għar-residential parking fi Triq Toni Zammit u Triq il-Magħsar peress li bi żvista l-Kunsill ma inkludiehomx għalhemm jiffurmaw parti integrali fejn għandha topera din ir-residential parking.

Il-Kunsill osserva li l-ipparkjar tal-vetturi qiegħed dejjem jaffetwa ħażin f'diversi toroq oħra li mhux qegħdin fir-residential parking.

Il-Kunsill qabel li jista jagħti każ li għaż-żmien li ġej il-Kunsill ikellu jitlob lit-TM sabiex il-Gudja kollha tiġi konsiderata bħala żona kollha li fiha topera din l-iskema dwar ir-residential parking f'ħin limitat.

2.1.7 'Special permits' għal dawk li ma joqgħodux fil-Gudja jew għal dawk ir-residenti li għandhom taħt il-kontrol tagħhom li mhux reġistrata f'indirizz fil-Gudja.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi applikazzjonijeit dwar dan il-permessi.

Il-Kunsill qabel li nhar it-Tnejn 06 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m. għandha ssir laqgħa tal-Kunsill sabiex jiddeċiedi dwar kull talba u dwar kull permess mitlub.

B'hekk il-Kunsill ikun qed jassigura li din is-sistema ma tiġix abbużata, tkun mħarsa u effettiva u li jkun hemm ġustizzja u li l-interess pubbliku u dak tar-residenti tal-Gudja speċjalment dawk li joqgħodu fl-inħawi milquta, jiġu mħarsa.

## *3.0 Rapporti*

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar kif jiġu trattati l-ilmenti li jaslu għand il-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni fl-aqsar żmien possibli.

3.1.2 Dawn l-ilmenti ġew trattati separatament.

a. Għalqa fi Triq William Baker Il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi din l-għalqa qegħda tkun ta' inkonvenjent peress li m'għandiex ċint mat-triq kif mitlub mill-liġi. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-MEPA dwar dan sabiex jittieħdu l-proċeduri meħtieġa u jitneħħa l-inkonvenjent preżenti.

b. Skip addizzjonali fi Vjal it-Torri fil-kantuniera ta' Triq San Ġorġ Il-Gudja. Is-Sindku qal li ħafna drabi l-iskip preżenti jkun mimli sewwa u xi nies qed ipoġġu l-iskart tagħhom mal-ġemb ta' l-iskip anke għalkemm dan isir kontra

l-liġi. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jintalab li iżid skip li jitpoġġa maġemb l-iskip eżistenti fi Vjal it-Torri fil-kontrada ta' Triq San Ġorġ.

c. Ħtieġa ta' servizz ta' warden ħdejn Skola St. Joan Anitde. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-qagħda ħażina li tipprevali speċjalment meta t-tfal ikun deħlin jew ħerġin mill-iSkola u dan ikkawżat mill-ipparkjar bl-addoċċ tal-vetturi liema sitwazzjoni iġib riskju kbir, u qabel li jitlob is-servizz tal-wardens fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ minn din l-iskola. Il-Kunsill qabel li s-servizz tal-warden għandu jgħin li tinżamm l-ordni u fejn ikun abbuż mhux imrażżan għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa skond il-liġi.

d. Ħtieġa ta' mera fi Triq il-Palazz. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-qagħda preżenti dwar l-immaniġjar tat-traffiku f'dan l-inħawi u qabel li titwaħħal mera adekwata sabiex ikun hemm ħarsien għat-traffiku u jiġu mnaqsa l-inċidenti stradali f'dawn l-inħawi.

## *4. Aġġudikazzjoni ta' Tender*

4.1 Tender01/2013 – Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana

Il-Kunsill qabel li jeżamina sewwa kull offerta kif ukoll ir-rapport tal-perit tal-Kunsill dwar dawn l-offerti billi jeżamina sewwa l-ħidma u r-riżorsi ta' kull kuntrattur sabiex fl-aġġudikazzjoni finali jkun assigurat illi l-kuntratt magħżul ikun jista jeżekwixxi l-kuntratt bla ebda tfixkol u kif ikun miftiehem u fl-aħjar interess tal-Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll illi f'dan il-proġett jagħti każ sewwa tal-użu tal-eneġija alternattiva u l-użu tal-lampi LED.

4.2 Tender02/2013 – Xogħol ta' pavimentar.

Il-Kunsill qabel li jeżamina sewwa kull offerta u l-abilita u riżorsi umani ta' kull offerent sabiex jiġi assigurat li jkun jista jagħti l-aħjar servizz u li l-Kunsill ikun qed jakkwista l-aħjar valur għan-nefqa li jagħmel.

Il-Kunsill qabel li jagħmel l-aġġudikazzjoni finali fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill li sejra ssir fis-06 ta' Mejju 2013 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

## *5.0 Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti*

5.1 Contract Manager Access Roads (Perit) CM20(01-6) – għeluq (tlett snin)

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa ġdida għal offerti dwar dan is-servizz. Il-Kunsill qabel ukoll illi minħabba n-natura tax-xogħol u peress li diġa beda xogħol mill-perit eżistenti u bil-għan li ma jkunx hemm komplikazjonijiet, il-Perit eżistenti ikompli jkun responsabbli li jeżekwixxi dan ix-xogħol (Ġnien R. Caruana u l-Proġett ta' Triq il-Kbira u nħawi oħra tal-madwar) anke jekk il-Kunsill jagħżel perit ieħor għal xogħlijiet oħra.

5.2 General Maintenance – handyman service etc – GLC/tender03/12 – tiġdid (tieni sena)

Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra.

5.3 Upkeep and maintenance of parks and soft areas – GLC/tender/05/2012 – tiġdid (tieni sena)

Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra

### *6.0 Proġett ta' Toroq*

6.1 Triq il-Kbira

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-problemi li qed jitfaċċaw minħabba l-kxif ta' xelter, fejn feġġ żbruffar ta' drenaġġ li ma jistax jiġi iddentifikat minn fejn qed joħroġ il-parti ta' fejn beda ix-xogħol u dwar kif il-kuntrattur abbanduna x-xogħol u dwar kif il-Kunsill ġie kostrett li jerġa joħroġ l-offerti, liema offerti sejrin jiġu evalwati u deċiżi waqt il-laqgħa tas-06 ta' Mejju 2013.

Il-Kunsill qabel li jsir dak kollu possibli sabiex dan il-proġett jitkompla u jitlesta fl-aqsar żmien possibli. Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra lir-residenti li turi l-impenn tal-Kunsill li tinsab soluzzjoni xierqa sabiex jitneħħa kull inkonvenjent u li dan ix-xogħol jitkompla fl-aqsar żmien possibli.

**NB: Sospenzjoni tal-Agenda**

Il-Kunsill qabel li jissospendi l-Agenda peress li fis-7.05p.m. il-Kunsillier is-Sur Mark Anthony Sammut talab li jħalli l-laqgħa minħaba impenji oħra.

Qabel ma telaq is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi kien qed issir preparamenti dwar korsijiet tal-Aerobics u Pilates li sejrin jibdew nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2013.

Sar qbil li l-Kunsill joħroġ ċirkulari għar-residenti kollha sabiex jagħti l-pubbliċita meħtieġa u jistieden il-parteċipazzjoni tar-residenti tal-Gudja.

**NB: Il-Kunsill kompla l-Agenda**

### *7.0 Proġett ta' Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana – UIF*

7.1 Kif intqal qabel f'dawn l-istess minuti l-Kunsill qabel li jkompli jagħmel analiżi dettaljata tal-offerti li rċieva sabiex l-għażla finali ssir waqt laqgħa tal-Kunsill fi żmien qasir.

### *8.0 Finanzi*

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €68.87 għax-xahar ta' Frar 2013 u €38.88 għax-xahar ta' Marzu 2013, kif ippreżentatai lill-Kunsill.

8.2 Skeda ta' Pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti għax-xhur ta' Frar u Marzu għas-somma ta' €45,052.35 ġie approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

Il-Viċi-Sindku staqsa dwar l-istimi tal-Perit dwar il-konkos li ngħata fi trejqa ħdejn il-kamra tan-nar li tiżbokka fi Triq Ħal Tarxien.

Is-Sindku wieġeb li dan il-konkos ingħata f'żewġ taqsimiet u li huwa kien ikun preżenti sabiex jissorvelja x-xogħol. Is-Sindku qal li oriġinalment kien hemm stima

ta' l-asfalt iżda fil-fehma tiegħu hija evidenti li l-konkos huwa irħas milli kieku l-Kunsill għamel l-asfalt.

Dwar il-pagament ta' Brian Borg (skip) u F. Abela dwar it-tindif ta' trejqiet il-Viċi-Sindku qal li kien ukoll qed jastjeni peress li minkejja li fil-fehma tiegħu dawn ix-xogħlijiet jaqaw fid-dekasteru tiegħu, huwa (l-Viċi-Sindku) ma kienx ġie infurmat mis-Sindku meta bdew dawn ix-xogħlijiet.

8.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

Il-Kunsill approva x-xiri u l-finanzjament ta' xogħlijiet, materjal u servizzi kif approvati aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

## *9.0 Aġġornament*

9.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-Agenda ġew eżaminati s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 06 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m. fuq Agenda li tigi cirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

9.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-